MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 32/1998/1

Rikors Nru: 32/98

Francis u Victor ahwa Vella

vs

Francesco Busuttil

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Novembru,1998 fejn esponew:

Illi huma jikru lill-intimat Francesco Busuttil l-ghalqa tal-kapacita' cirka erbat (4) sieghan mlaqqma tad-Dwieli fil-kontrada ta' l-Ghadir fil-limiti ta' Hal Safi, delineata bl-ahmar fl-annessa pjanta Dok "A", bil-qbiela, ta' lira Maltija (Lm1) fis-sena li jithallas kull Santa Marija, bl-iskadenza li jmiss dik tal-15 ta' Awissu, 1999;

Illi huma jixtiequ jiehdu lura l-pussess ta’ l-imsemmija ghalqa ghar-ragunijiet li ser jissemmew:-

1. Ir-rikorrenti ghandhom bzonn dina l-ghalqa biex jahdmuha huma;

2. L-intimat issulloka l-istess ghalqa jew ittrasferixxa l-kirja tieghu lil terzi minghajr il-kunsens tar-rikorrenti; u

3. L-intimat halla parti sostanzjali ta’ l-istess ghalqa ma tinhadimx u halla li tigi kagjunata hsara billi twaqqghaw il-hitan u tnehhiet il-hamrija;

Ghaldaqtant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizza t-terminazzjoni tal-lokazzjoni ta’ l-ghalqa maghrufa bhala tad-Dwieli fil-kontrada ta’ l-Ghadir fil-limiti ta’ Hal Safi, tal-kejl cirka erba’ (4) sieghan, u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-istess raba ghar-ragunijiet jew wahda minnhom fuq imsemmija, prevja l-likwidazzjoni ta’ kull kumpens li jista’ jkun dovut jekk effettivament dan jirrizulta dovut.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimat Francesco Busuttil fejn espona:

Illi primarjament jigi sottomess bir-rispett illi hadd mir-rikorrenti ma huwa l-proprjetarju ta’ l-art minnhom indikata fir-rikors promotur u ghaldaqstant ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwantu jirrigwarda t-tielet talba tar-rikorrenti, din ghandha tigi respinta stante illi l-istess mertu gie deciz u ghalhekk jikkostitwixxi res guidikata u dan kif jigi pruvat f’aktar dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u in linea ma’ l-ewwel eccezzjoni, jigi sottomess bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ma hix kompetenti tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza stante illi hija kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju stante illi l-intimat ma hux l-unika possessur tal-art mertu tal-kawza.

Illi kwantu t-tielet talba rikorrenti din ghandha tigi michuda stante illi huwa qatt ma ssulloka xi ghalqa lil terzi li tappartjeni lir-rikorrenti.

Illi minghajr pregudizzju tas-suepost, ir-rikorrenti ghandhom jissodisfaw il-voti kollha mposta mill-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-ahhar verbal.

Ikkunsidra:

1. Il-Bord irid jiddeciedi l-eccezzjoni dwar kompetenza. L-intimati qed ighidu li dan il-kaz messu tressaq quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili. Ma' din l-eccezzjoni giet marbuta l-ewwel wahda.

"hadd mir-rikorrenti ma huwa proprjetarju tal-art minnhom indikata fir-rikors promotur u ghaldaqstant ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom".

Minn kif imxiet il-kawza l-Bord jifhem li l-intimati qed jghidu li l-qasam hu taghhom u mhux tar-rikorrenti.

2. Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re "Spiteri vs Sghendo" (9/5/1955) (Vol XXXIX-1-191): "Il-Bord hu kompetenti li jiddeciedi l-kwistjonijiet "ta' dritt" li jinqalghu fil-kawzi ta' kompetenza tieghu: diversament ma kienx ikollha sens id-disposizzjoni li tippermetti l-appell mis-sentenza tal-Bord li fihom jista' jiddeciedi l-kwistjonijiet ta' dritt ma jfissirx illi l-Bord, meta jidhirlu illi huwa fl-interess tal-kontendenti, li l-kwistjoni tkun ventilata quddiem it-tribunal ordinarju biex tkun tista' aktar ezenzjetement tigi trattata, u biex il-kontendenti jkollhom il-beneficcju tad-doppju ezami, ma jistax jissopprassjedi fuq dik il-kwistjoni sakemm tigi deciza mit-tribunali ordinarji. Imma din il-

fakulta’ tal-Bord li jissoprassjedi ma ghandhiex tigi sfurzata jew ezagerata, ghaliex altrimenti jkun bizzejjed li kontendenti quddiem il-Bord, interessat fid-dilezzjoni tal-proceduri, jissolleva punt ta’ dritt, jitlob is-soprassessjoni, u jonera l-kawza quddiem il-Bord. Dan il-perikolu jista’ javvera ruhu kwazi fil-kawzi kollha quddiem dak it-tribunal specjali, u b’dan il-mod jigi newtralizzat ghal kollox l-iskop tal-ligi specjali f’din il-materja u tal-kreazzjoni ta’ organu gudizzjajru appozitu bhala ma huwa l-Bord”

Dak li ntqal ghall-Bord li Jirregola l-Kera japplika f’dan il-kaz ghal Bord dwar Kontroll ta’ Kiri ta’ Raba. Il-Bord hu tal-fehma li kwistjoni bhal din ghandu jiddecidiha. Jekk jew hekk il-partijiet ressqu l-provi kollha dwar il-proprjeta’ tar-raba’.

3. Radikata l-kompetenza l-Bord jidhirlu li jkun ahjar li l-intimat jesebixxi l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore Borg Olivier ta’ l-4 ta’ April 1928 imsemmi minn Francesco Busuttil fl-affidavit tieghu tas-16 ta’ April 2002 billi esebixxa kuntratt iehor (fol 84-88) li ghandu jibqa’ fl-atti.

4. Ir-rikorrenti ghandhom jesebixxu “is-seba’ porzjon” tad-dokument FV 2 li qatt ma giet esebita (rapport Perit Domenico Mompalao).

5. Il-partijiet ghandhom jindikaw kif kien jigi minnhom Andrea Vella bin Francesco u joqghod iz-Zurrieq imsemmi fl-atti a fol 84.

6. Il-Bord jahtar lill-perti Fredrick Valentino u lill-prokuratur legali Anthony Mifsud biex jaghmlu access halli l-partijiet juruhom ghall-liema art qed jirreferu, u jhejju relazzjoni bil-miktub.

Il-partijiet ghandhom jipprezentaw id-dokumenti fuq imsemmija fi zmien hmistax-il-jum millum. Il-Bord qed jichad l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza. Spejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------